IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.6.2019
COM(2019) 531 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

Il-Belġju

Rapport imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

MT MT

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

Il-Belġju

Rapport imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

1. INTRODUZZJONI

L-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE jew it-Trattat) jistabbilixxi l-proċedura ta' defiċit eċċessiv (PDE). Din il-proċedura hija speċifikata aktar fir-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv[1], li hija parti mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST). Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-Istati Membri taż-żona tal-euro fil-PDE huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 473/2013[2].

Skont l-Artikolu 126(2) TFUE, il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-konformità mad-dixxiplina baġitarja fuq il-bażi ta' żewġ kriterji, li huma: (a) jekk il-proporzjon tad-defiċit tal-gvern ippjanat jew attwali għall-prodott domestiku gross (PDG) ikunx jeċċedi l-valur ta' referenza ta' 3 %; u (b) jekk il-proporzjon tad-dejn tal-gvern fir-rigward tal-PDG jaqbiżx il-valur referenzjarju ta' 60 %, sakemm il-proporzjon ma jkunx qed jonqos b'mod suffiċjenti u jersaq lejn il-valur referenzjarju b'pass sodisfaċenti).

L-Artikolu 126(3) TFUE jistipula li, jekk Stat Membru ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' wieħed minn dawk il-kriterji jew tat-tnejn li huma, il-Kummissjoni jkollha tħejji rapport. Dan ir-rapport irid ukoll "*iqis jekk id-defiċit tal-gvern ikunx jeċċedi n-nefqa tal-gvern f'investiment u jqis il-fatturi kollha relevanti, inkluża l-pożizzjoni ekonomika u tal-estimi għall-futur medju tal-Istat Membru*".

Dan ir-rapport, li jirrappreżenta l-ewwel pass fil-PDE, janalizza l-konformità tal-Belġju mal-kriterju tad-defiċit u d-dejn tat-Trattat, fir-rigward tal-kuntest ekonomiku u ta' fatturi rilevanti oħra.

Id-data nnotifikata mill-awtoritajiet Belġjani fid-29 ta' Marzu 2019[3] u sussegwentement ivvalidata mill-Eurostat[4] turi li d-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika fil-Belġju laħaq iż-0,7 % tal-PDG fl-2018, filwaqt li d-dejn kien ta' 102,0 % tal-PDG, ogħla mis-60 % tal-valur

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6. Dan ir-rapport iqis ukoll "L-ispeċifikazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir Ekonomiku u l-linji gwida dwar il-format u l-kontenut ta' programmi ta' stabbiltà u konverġenza", adottati mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju fil-5 ta' Lulju 2016, disponibbli hawn: http://ec.europa.eu/economy_finance/economic_governance/sgp/legal_texts/index_en.htm .

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 11).

[3] Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009, l-Istati Membri jridu jirrappurtaw lill-Kummissjoni, darbtejn fis-sena, il-livelli ppjanati u attwali tagħhom tad-defiċit u d-dejn tal-gvern. L-aktar notifika riċenti tal-Belġju tinsab hawn: http://ec.europa.eu/eurostat/web/government-finance-statistics/excessive-deficit-procedure/edp-notification-tables.

[4] Stqarrija għall-Istampa mill-Eurostat Nru 67/2019, https://ec.europa.eu/eurostat/documents/2995521/9731224/2-23042019-AP-EN/bb78015c-c547-4b7d-b2f7-4fffe7bcdfad

ta' referenza tal-PDG. Għall-2019, l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju (APB) ippjana defiċit ta' 1,0 % tal-PDG u proporzjon tad-dejn ta' 100,2 % tal-PDG; filwaqt li l-Programm ta' Stabbiltà tal-2019 tal-Belġju (PS), li l-Kummissjoni rċeviet fis-26 ta' April 2019, jippjana defiċit ta' 0,8 % tal-PDG u proporzjon tad-dejn ta' 100,6 % tal-PDG.

Id-data nnotifikata turi li l-Belġju ma kkonformax mal-parametru referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn[5] fl-2018 (ara t-Tabella 1), peress li d-diskrepanza għall-parametru referenzjarju hija ta' 1.1 punti perċentwali (pp.) tal-PDG. Barra minn hekk, fl-2019 u fl-2020, il-Belġju huwa mbassar li ma jikkonformax mal-parametru referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn, peress li l-proporzjon tad-dejn għall-PDG tiegħu huwa mistenni li jibqa' 1.7 pp. tal-PDG 'l fuq mill-parametru referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn li jħares lura fl-2019 u 1.9 pp. tal-PDG 'l fuq mill-parametru referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn li jħares 'il quddiem fl-2020, skont it-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2019. Fuq il-bażi tax-xenarju inkluż fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2019, il-konformità mal-kriterju tad-dejn hija ppjanata sa' mill-2019, b'riżultat tal-parametru referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn li jħares 'il quddiem b' 0.2 pp. fl-2019 u 0.6 pp. fl-2020.

In-nuqqas tal-Belġju li jikkonforma mal-parametru referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn fl-2018 jipprovdi evidenza *prima facie* tal-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għall-finijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir qabel, madankollu, ma jitqiesu l-fatturi kollha kif stabbilit hawn taħt.

Il-Kummissjoni għalhekk ħejjiet dan ir-rapport biex tivvaluta b'mod komprensiv it-tbegħid mill-parametru referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn u l-eċċess fuq il-valur ta' referenza tat-Trattat sabiex teżamina jekk it-tnedija ta' proċedura ta' defiċit eċċessiv hijiex ġustifikata wara li jkunu ġew ikkunsidrati l-fatturi rilevanti kollha. It-Taqsima 2 tar-rapport teżamina l-kriterju tad-defiċit. It-Taqsima 3 teżamina l-kriterju tad-dejn. It-Taqsima 4 tittratta l-investiment pubbliku u fatturi rilevanti oħra, inkluża l-valutazzjoni ta' konformità mal-aġġustament meħtieġ għall-Objettiv ta' Terminu Medju (OTM). Ir-rapport iqis il-previżjoni tar-rebbiegħa 2019 tal-Kummissjoni, li ħarġet fis-7 ta' Mejju 2019, u l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar żviluppi makroekonomiċi u fiskali sussegwenti.

Tabella 1. Defiċit u dejn ġenerali tal-gvern (% tal-PDG)

		2015	2016	2017	2018	2019		2020	
						KUMM	PS	KUMM	PS
Kriterju tad-defiċit	Bilanċ ġenerali tal-gvern	-2.4	-2.4	-0.8	-0.7	-1.3	-0.8	-1.5	-0.2
Kriterju tad-dejn	Dejn ġenerali gross tal-gvern	106.4	106.1	103.4	102.0	101.3	100.6	100.7	98.5
	Lakuna fil-parametru referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn	m.k.	m.k.	1.3	1.1	1.7	-0.2	1.9	-0.6
	Bidla fil-bilanċ strutturali	0.6	0.0	0.8	0.0	0.0	0.5	-0.3	0.6
	MLSA meħtieġ	1.4	2.2	m.k.	m.k.	m.k.	m.k.	m.k.	m.k.

Sors: Programm ta' Stabbiltà tal-2019 (PS) u t-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2019 (KUMM)

[5] Il-konformità mal-parametru referenzjarju tad-dejn hija vvalutata fuq il-bażi ta' tliet konfigurazzjonijiet differenti: il-parametru referenzjarju li jħares lura, li jħares 'il quddiem u ta' tnaqqis tad-dejn aġġustat għall-impatt taċ-ċiklu.

2. KRITERJU TAD-DEFIĊIT

Id-defiċit ġenerali tal-gvern tal-Belġju naqas minn 0,8 % tal-PDG fl-2017 għal 0,7 % fl-2018. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2019 tal-Kummissjoni, id-defiċit se jikber għal 1,3 % fl-2019, u xorta jibqa' jirrispetta t-3 % tal-valur referenzjarju tal-PDG skont it-Trattat. Fl-2020, it-tbassir tal-Kummissjoni jipproġetta li d-defiċit se jiżdied aktar għal 1,5 % tal-PDG taħt suppożizzjoni ta' ebda bidla fil-politika.

It-trajettorja pluriennali inkluża fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2019 tippreżenta stabbilizzazzjoni tad-defiċit ta' 0,8 % fl-2019 u tnaqqis għal 0,2 % fl-2020. Fit-18 ta' Diċembru 2018 il-Prim Ministru Belġjan għamel tender għar-riżenja tiegħu. Minn dak iż-żmien 'l hawn, gvern temporanju adotta baġits imħejjija taħt suppożizzjoni tal-ebda tibdil fil-politika. B'riżultat ta' dan, il-gvern ma gawdiex is-setgħat baġitarji kollha skont ir-regoli kostituzzjonali u/jew il-konvenzjonijiet nazzjonali fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-Programm ta' Stabbiltà. Fin-nuqqas tiegħu, il-Programm ta' Stabbiltà jippreżenta trajettorja baġitarja li mhijiex appoġġjata minn miżuri adottati jew dettaljati biżżejjed biex jintlaħaq l-OTM ta' baġit ibbilanċjat f'termini strutturali fl-2021. Għall-2019, id-differenza bejn it-tbassir tal-Kummissjoni u l-Programm ta' Stabbiltà tirriżulta minn għadd ta' miżuri li ma ġewx inklużi fit-tbassir tal-Kummissjoni minħabba li mhumiex adottati jew speċifikati biżżejjed jew minħabba li huma kkunsidrati temporanji (li jintemmu fl-2018 u ma għadhomx preżenti fl-2019)[6]. Għall-2020, id-differenza tiddependi l-aktar fuq tnaqqis fin-nefqa (-0.6 pp. tal-PDG), u żieda fid-dħul (+ 0.2 pp. tal-PDG) li mhumiex appoġġati minn miżuri addizzjonali speċifikati.

Il-Belġju għalhekk jikkonforma mal-kriterju ta' defiċit kif definit fit-Trattat u fir-Regolament (KE) Nru 1467/97.

3. KRITERJU TAD-DEJN

Id-dejn tal-gvern laħaq massimu ta' 107,5 % tal-PDG fl-2014 u niżel għal 103,4 % fl-2017. Fl-2018, id-dejn kompla jonqos għal 102,0 % tal-PDG l-aktar minħabba s-surplus primarju u kontribuzzjoni li qed tonqos mill-effett valanga negattiv (ħlasijiet ta' imgħax aktar baxxi flimkien ma' tkabbir tal-PDG nominali ogħla), parzjalment biss ikkumpensati b'aġġustament 'l fuq bejn il-fondi u l-flussi. Id-dinamiċi tad-dejn huma diskussi f'aktar dettall fit-Taqsima 4.2.

Il-previżjoni tal-Kummissjoni tistenna tnaqqis żgħir tad-dejn fis-snin li ġejjin, għal 101,3 % tal-PDG fl-2019 u 100,7 % fl-2020. L-impatt annwali 'l isfel ta' 1.3 pp. tal-PDG fuq medja mogħtija minn surpluses primarji u l-effett valanga huwa pproġettat li jitpatta parzjalment mill-aġġustamenti bejn il-fondi u l-flussi fl-2019–2020. Dawk il-projezzjonijiet ma jammontawx għall-impatt tal-bejgħ potenzjali tal-assi tas-settur finanzjarju.

Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-Belġju, il-proporzjon tad-dejn jonqos għal 100,6 % tal-PDG fi tmiem l-2019 u għal 98,5 % tal-PDG fl-2020. Id-differenza mill-projezzjoni tal-Kummissjoni fuq politika mhux mibdula ġejja prinċipalment minn defiċit nominali ppjanat aktar baxx fil-Programm ta' Stabbiltà b'suppożizzjonijiet ta' tkabbir nominali ġeneralment simili, u aġġustamenti bejn il-fondi u l-flussi ftit aktar baxxi.

[6] Ara l-Valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà tal-2019 għall-Belġju.

Wara l-abrogazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv f'Ġunju 2014, il-Belġju kien suġġett għal perjodu ta' tranżizzjoni ta' tliet snin biex jikkonforma mal-punt ta' referenza tat-tnaqqis tad-dejn. Dak il-perjodu ta' tranżizzjoni beda fl-2014 u ntemm fl-2016. Mill-2017, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-parametru referenzjarju standard huwa applikabbli għat-tnaqqis tad-dejn.

Id-data nnotifikata turi li l-Belġju ma kkonformax mal-parametru referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn fl-2018 (ara t-Tabella 1), peress li d-differenza bejn il-parametru referenzjarju hija ta' 1,1 % tal-PDG. Il-Belġju huwa mbassar li ma jikkonformax mal-parametru referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn fl-2019 u l-2020 minħabba li l-proporzjon tad-dejn mal-PDG huwa mistenni li jibqa' 1,7 % u 1,9 % tal-PDG ogħla mill-parametru referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn fl-2019 u l-2020, skont it-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2019.

Fuq il-bażi tax-xenarju inkluż fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2019, il-konformità mal-kriterju tad-dejn tkun żgurata mill-2019 peress li l-Belġju jikseb iżżejjed il-parametru referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn (fil-konfigurazzjoni tiegħu li tħares 'il quddiem) b' 0,7 % tal-PDG fl-2019 u jkun strettament konformi b' 0,0 % fl-2020. Il-programm ta' Stabbiltà tal-2018 ippjana l-konformità mal-kriterju tad-dejn mill-2018. Id-differenza fil-previżjoni tal-Kummissjoni hija dovuta għal tnaqqis fid-defiċit li huwa 0,5 % ogħla fl-2019 u 1,3 % ogħla fl-2020 minħabba li t-tbassir tal-Kummissjoni huwa bbażat fuq suppożizzjoni ta' ebda bidla fil-politika, filwaqt li l-Programm ta' Stabbiltà jirrifletti sforz ippjanat biex jintlaħaq l-OTM tal-Belġju (bilanċ strutturali ta' 0,0 % tal-PDG) fl-2021 li, madankollu, mhuwiex sostnut b'miżuri dettaljati biżżejjed. Parti mid-differenza tirriżulta wkoll minn aġġustament ogħla tal-fluss tal-istokk mistenni fl-2019, mhux kontrobilanċjat bl-aġġustament aktar baxx fl-2020.

Għalhekk l-analiżi tissuġġerixxi li *prima facie* l-kriterju tad-dejn għall-fini tat-Trattat u r-Regolament (KE) Nru 1467/1997 ma ġiex issodisfat abbażi tad-data tal-eżitu tal-2018 u t-tbassir tar-rebbiegħa tal-2019 tal-Kummissjoni kif ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2019 qabel madankollu, ma tingħata kunsiderazzjoni lill-fatturi rilevanti kollha stabbiliti hawn taħt.

Tabella 2: Dinamika tad-dejn

	2015	2016	2017	2018	2019		2020	
	KUMM	KUMM	KUMM	KUMM	KUMM	PS	KUMM	PS
Proporzjon tad-dejn gross tal-gvern	106.4	106.1	103.4	102.0	101.3	100.6	100.7	98.5
Bidla fil-proporzjon tad-dejn [b] (1 = 2+3+4)	-1.2	-0.3	-2.7	-1.4	-0.7	-1.4	-0.5	-2.1
Kontribuzzjonijiet:								
• Bilanċ primarju (2)	-0.6	-0.4	-1.6	-1.6	-0.8	-1.3	-0.5	-1.8
• Effett "valanga" (3)	0.2	-0.6	-1.0	-0.4	-0.6	-0.9	-0.7	-0.9
li minnu:								
Nefqa fuq imgħax	3.0	2.8	2.5	2.3	2.1	2.1	2.0	1.9
Tkabbir tal-PDG reali	-1.7	-1.5	-1.7	-1.4	-1.2	-1.3	-1.2	-1.4
Inflazzjoni (deflatur tal-PDG)	-1.0	-1.8	-1.7	-1.2	-1.5	-1.8	-1.6	-1.5
• Aġġustament tal-fluss tal-istokk (4)	-0.7	0.7	0.0	0.5	0.7	0.9	0.7	0.6

Noti:

a F'persentaġġ tal-PDG

[b] Il-bidla fil-proporzjon tad-dejn gross tista' tiġi dekomposta kif ġej:

$$\frac{D_t}{Y_t}-\frac{D_{t-1}}{Y_{t-1}}=\frac{PD_t}{Y_t}+\left(\frac{D_{t-1}}{Y_{t-1}}*\frac{i_t-y_t}{1+y_t}\right)+\frac{SF_t}{Y_t}$$

fejn t huwa sottoskrizzjoni tal-ħin; D, PD, Y u SF huma l-istokk tad-dejn tal-gvern, id-defiċit primarju, il-PDG nominali u l-aġġustament tal-fluss tal-istokk rispettivament, u i u y jirrappreżentaw l-ispiża medja tad-dejn u t-tkabbir nominali tal-PDG. It-terminu fil-parentesi jirrappreżenta l-effett "valanga", li jkejjel l-effett kombinat tan-nefqa tal-imgħax u t-tkabbir ekonomiku fuq il-proporzjon tad-dejn.

Sors: Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 (PS) u t-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2018 (KUMM)

4. FATTURI RILEVANTI

L-Artikolu 126(3) TFUE jistipula li r-rapport tal-Kummissjoni "*għandu jqis ukoll jekk id-dejn tal-gvern jeċċedix in-nefqa tal-gvern f'investiment u jqis il-fatturi l-oħra kollha rilevanti, inkluża l-pożizzjoni ekonomika u baġitarja għat-terminu medju tal-Istat Membru*". Dawn il-fatturi huma ċċarati aktar fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, li jistipula wkoll li "*kwalunkwe fattur ieħor li, fl-opinjoni tal-Istat Membru kkonċernat huwa rilevanti sabiex tkun ivvalutata b'mod komprensiv il-konformità mal-kriterji tad-defiċit u d-dejn u li l-Istat Membru ressaq quddiem il-Kunsill u l-Kummissjoni*" jeħtieġ li jingħataw il-kunsiderazzjoni dovuta.

F'każ ta' ksur apparenti tal-kriterju tad-dejn, l-analiżi tal-fatturi rilevanti hija partikolarment meħtieġa, peress li d-dinamiċi tad-dejn huma sa ċertu punt influwenzati minn fatturi lil hinn mill-kontroll tal-gvern milli fil-każ ta' defiċit. Dan huwa rikonoxxut fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, li jistipula li l-fatturi rilevanti għandhom jiġu kkunsidrati meta tiġi vvalutata l-konformità abbażi tal-kriterju tad-dejn irrispettivament mid-daqs ksur. F'dan ir-rigward, mill-inqas it-tliet aspetti ewlenin li ġejjin jeħtieġ li jiġu kkunsidrati (u ġew ikkunsidrati fil-passat) meta tiġi vvalutata l-konformità mal-kriterju tad-dejn minħabba l-impatt tagħhom fuq id-dinamiċi tad-dejn u s-sostenibbiltà:

1. L-aderenza mal-OTM jew mal-pjan ta' aġġustament lejh, li suppost tiżgura s-sostenibbiltà jew il-progress rapidu lejn is-sostenibbiltà f'ċirkostanzi makroekonomiċi normali. Billi fil-kostruzzjoni l-OTM speċifiċi għall-pajjiż iqisu l-livell tad-dejn u l-obbligazzjonijiet impliċiti, il-konformità mal-OTM jew il-pjan ta' aġġustament lejh jenħtieġ li jiżgura konverġenza tal-proporzjonijiet ta' dejn lejn livelli prudenti għall-inqas fuq terminu medju;

2. Riformi strutturali, li diġà ġew implimentati jew dettaljata fi pjan ta' riforma strutturali, li huma mistennija li jtejbu s-sostenibbiltà fuq medda medja ta' żmien permezz tal-impatt tagħhom fuq it-tkabbir, u b'hekk jikkontribwixxu biex il-proporzjon tad-dejn mal-PDG jinġieb fuq perkors ta' tnaqqis sodisfaċenti. B'mod ġenerali, l-aderenza mal-OTM (jew il-pjan ta' aġġustament lejh), flimkien ma' l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali (fil-kuntest tas-Semestru Ewropew), hija mistennija li taħt kundizzjonijiet ekonomiċi normali tqiegħed id-dinamiċi tad-dejn fuq perkors sostenibbli permezz tal-impatt ikkombinat fuq il-livell tad-dejn innifsu (permezz tal-ksib ta' pożizzjoni baġitarja soda fl-OTM) u fuq it-tkabbir ekonomiku (permezz tar-riformi).
3. Kundizzjonijiet makroekonomiċi mhux favorevoli u, b'mod partikolari, inflazzjoni baxxa, li jistgħu jxekklu t-tnaqqis fil-proporzjon tad-dejn mal-PDG u jrendu l-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-PST partikolarment eżiġenti. Ambjent ta' inflazzjoni baxxa jagħmilha aktar eżiġenti għal Stat Membru li jkun konformi mal-valur referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn. Taħt dawn il-kundizzjonijiet, l-aderenza mal-MTO jew mal-pjan ta' aġġustament lejh hija fattur rilevanti ewlieni meta tiġi vvalutata l-konformità mal-kriterju tad-dejn.

Fid-dawl ta' dawk id-dispożizzjonijiet, is-subtaqsimiet li ġejjin iqisu min-naħa tagħhom (1) il-pożizzjoni baġitarja fuq perjodu medju ta' żmien, inkluża valutazzjoni tal-konformità mal-aġġustament meħtieġ lejn l-OTM u l-iżvilupp tal-investiment pubbliku; (2) l-iżviluppi fil-pożizzjoni tad-dejn tal-gvern fit-terminu medju, id-dinamiċi tagħha kif ukoll is-sostenibbiltà tagħha; (3) il-pożizzjoni ekonomika fit-terminu medju, inkluża s-sitwazzjoni attwali f'termini ta' implimentazzjoni ta' riformi strutturali; (4) Fatturi oħra meqjusin rilevanti mill-Kummissjoni; kif ukoll (5) fatturi oħra ppreżentati mill-Istat Membru.

4.1. Pożizzjoni baġitarja fit-terminu medju

Il-valutazzjoni ex post tal-konformità tal-Belġju mal-fergħa preventiva ssib li ma hemm l-ebda evidenza b'saħħitha biżżejjed biex tiġi konkluża l-eżistenza ta' devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament tal-Belġju lejn l-OTM fl-2018 u fuq l-2017 u l-2018 meħuda flimkien. Għall-2019 u l-2018 u l-2019 meħuda flimkien, l-aġġustament fiskali jippreżenta riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mir-rekwiżiti tal-fergħa preventiva tal-Belġju.

Bilanċ nominali, strutturali u aġġustament lejn l-OTM

Bilanċ nominali

Id-defiċit nominali tal-Belġju naqas minn 0,8 % tal-PDG fl-2017 għal 0,7 % tal-PDG fl-2018. Kemm il-proporzjon tad-dħul kif ukoll dak tan-nefqa mal-PDG żdied, b' 0,4 pp. u b' 0,2 pp. tal-PDG rispettivament.

OTM u bilanċ strutturali

Fil-programm ta' Stabbiltà tal-2019 tagħhom, l-awtoritajiet Belġjani kkonfermaw l-OTM tagħhom b'baġit ibbilanċjat f'termini strutturali. L-OTM jidher strett biżżejjed taħt dawk li jistgħu jitqiesu bħala kundizzjonijiet ekonomiċi normali biex jiżgura l-konformità mar-regola tad-dejn fuq terminu medju u twil. Fil-programm ta' Stabbiltà tal-2019, il-Belġju ppospona l-kisba ppjanata mill-2020 sal-2021. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-kisba tal-OTM teħtieġ sforz ta' 0,9 % tal-PDG. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2019 tal-Kummissjoni, se jkun

meħtieġ sforz akbar (1,4 % tal-PDG) minħabba stima (ogħla) differenti tad-defiċit strutturali tal-2018. Barra minn hekk, it-tbassir tal-Kummissjoni jistenna li l-bilanċ strutturali jibqa' stabbli fl-2019 u li jiddeterjora b' 0,3 pp. tal-PDG b'politika mhux mibdula fl-2020, l-aħħar sena tal-projezzjonijiet tal-Kummissjoni. Skont il-Kunsill Għoli tal-Finanzi, se jsir deterjorament addizzjonali ta' 0,4 % tal-PDG fl-2021 b'politika mhux mibdula[7]. B'riżultat ta' dan, il-kisba tal-OTM fl-2021 se tirrikjedi miżuri addizzjonali sostanzjali mill-gvern li jmiss wara l-elezzjonijiet ta' Mejju 2019.

Konformità mal-aġġustament rakkomandat lejn l-OTM

Fil-11 ta' Lulju 2017, il-Kunsill irrakkomanda lill-Belġju jagħmel sforz fiskali sostanzjali fl-2018 f'konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, filwaqt li jqis il-ħtieġa li jissaħħaħ l-irkupru li għaddej bħalissa u li jiżgura s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tal-Belġju. Skont il-matriċi ta' aġġustament miftiehma b'mod komuni taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, l-aġġustament issarraf f'rekwiżit ta' rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett li ma kienx jaqbeż il-1,6 % fl-2018. Din tikkorrispondi għal aġġustament strutturali ta' mill-inqas 0,6 % tal-PDG. Fl-istess ħin, il-Kunsill iddikjara li l-valutazzjoni tal-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tal-2018 u l-valutazzjoni sussegwenti tar-riżultati baġitarji tal-2018 se jkollhom bżonn iqisu kif dovut l-għan li tintlaħaq pożizzjoni fiskali li tikkontribwixxi kemm għat-tisħiħ tal-irkupru li jinsab għaddej u wkoll biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Wara l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tas-saħħa tal-irkupru fil-Belġju filwaqt li jingħataw il-konsiderazzjonijiet dovuti għall-isfidi tas-sostenibbiltà tiegħu, li twettqu fil-kuntest tal-opinjoni tagħha fuq l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-2018, il-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2018 innota li ma kien hemm bżonn jitqiesu l-ebda elementi addizzjonali f'dan ir-rigward.

Fl-2018, u abbażi tad-data tal-eżitu u t-tbassir tal-Kummissjoni, it-tkabbir tan-nefqa tal-gvern primarju, nett ta' miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u ta' darba, qabeż il-parametru referenzjarju tan-nefqa, li wassal għal diskrepanza ta' 0,7 % tal-PDG, li jindika devjazzjoni sinifikanti. Il-bilanċ strutturali huwa stmat li baqa' l-istess fl-2018, li jwassal għal differenza ta' 0,6 % tal-PDG fir-rigward tal-isforz irrakkomandat, li jindika wkoll devjazzjoni sinifikanti.

Madankollu, għalkemm fuq xejra li qed tonqos, għad hemm inċertezzi rigward it-trattament taż-żieda sostanzjali fil-pagamenti tat-taxxa korporattiva avvanzata miġbura fl-2017 u l-2018 (madwar ½% tal-PDG f'kull sena). Din iż-żieda fid-dħul tirriżulta notevolment mill-introduzzjoni, f'żewġ stadji, 2017 u 2018, ta' soprataxxi sinifikament ogħla għan-nuqqas ta' ħlas ta' pagamenti tat-taxxa avvanzati. Din il-miżura tintroduċi bidla permanenti fiż-żmien tad-dħul rikorrenti, billi tittrasferixxi tal-inqas parzjalment il-ġbir tat-taxxa minn saldu fiskali ex post għal pagamenti tat-taxxa minn qabel, u għalhekk toħloq quċċata eċċezzjonali u temporanja fid-dħul mit-taxxa fl-2017 u l-2018. Fix-xenarju bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2019 u wara l-istess metodoloġija bħas-sena l-oħra, il-Kummissjoni kkunsidrat li kwalunkwe ġbir tat-taxxa li jaqbeż ix-xejra kellu jitqies bħala dħul temporanju ta' darba, li eventwalment ikun ikkumpensat minn dħul aktar baxx fis-saldu tat-taxxa, li jibda fl-2019. Analiżi oħra, bħal dik tal-Bank Nazzjonali tal-Belġju, tikkunsidra sehem akbar fiż-żieda tad-dħul tas-CIT fl-2017 u l-2018 bħala temporanju, filwaqt li l-gvern ivvaluta proporzjon ogħla bħala strutturali. Madankollu, anki wara li tqiesu dawk l-inċertezzi u meta tqieset iż-żieda sħiħa bħala strutturali kemm fl-2017 kif ukoll fl-2018, jidher li hemm devjazzjoni sinifikanti matul

[7] Il-Kunsill Għoli tal-Finanzi (2019), Avis 'Trajectoire budgétaire en préparation du Programme de Stabilité 2019-2022'. Abbażi tad-data pprovduta mill-Uffiċċju Federali tal-Ippjanar.

l-2017 u l-2018 meħuda flimkien. Fl-istess ħin, l-eċċess fuq il-limitu ta' 0,25 % tal-PDG għal devjazzjoni sinifikanti jidher li huwa żgħir ħafna ladarba dawk l-inċertezzi jiġu kkunsidrati. Minħabba l-inċertezza fir-rigward ta' dawn iċ-ċifri, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li kemm ir-riskji pożittivi kif ukoll dawk negattivi m'għandhomx jitwarrbu, u li stima stabbli tal-impatt permanenti se tkun tista' titkejjel biss wara xi żmien, filwaqt li d-data tat-taxxa fuq l-introjtu korporattiv għall-2019 se tipprovdi l-ewwel indikazzjoni ċara tal-kobor tal-impatt.

Meta l-2017 u l-2018 jittieħdu flimkien, hemm differenza fil-qari bejn il-parametru referenzjarju tan-nefqa u l-bilanċ strutturali xprunat minn indikazzjonijiet differenti għall-2017. Fir-rigward tal-parametru referenzjarju tan-nefqa, hemm diskrepanza ta' 0,6 % tal-PDG, li tindika devjazzjoni sinifikanti. Rigward l-isforz fil-bilanċ strutturali, hemm distakk ta' 0,1 % tal-PDG, li jindika xi devjazzjoni. Il-konklużjoni li jiġu kkunsidrati 2017 u 2018 flimkien tiddependi fuq il-qari individwali għall-2018 u l-2017. Tal-ewwel diġà ġiet diskussa hawn fuq. Fl-2017, it-tkabbir tan-nefqa tal-gvern primarju fil-Belġju, nett mill-miżuri diskrezzjonali ta' dħul u ta' miżuri ta' darba, qabeż il-valur referenzjarju tan-nefqa b'madwar 0,5 % tal-PDG. Min-naħa l-oħra, il-bilanċ strutturali tal-Belġju tjieb b'aktar minn 0,8 % tal-PDG, li jaqbeż l-aġġustament strutturali — ikkoreġut għall-impatt ta' avvenimenti mhux tas-soltu — ta' mill-inqas 0,58 % tal-PDG irrakkomandat mill-Kunsill għal dik is-sena. Għalhekk, fuq il-bażi tal-pilastru tal-bilanċ strutturali, kien hemm devjazzjoni pożittiva ta' madwar 0,3 % tal-PDG. Id-differenza li tirriżulta ta' madwar 0,7 % tal-PDG bejn iż-żewġ pilastri tal-parti preventiva fl-2017 titlob valutazzjoni ġenerali, li fiha għandhom jiġu kkunsidrati l-fatturi li ġejjin:

- L-impatt pożittiv ta' tnaqqis fin-nefqa tal-imgħax aktar baxx fuq il-bilanċ strutturali (0,3 pp. tal-PDG) tejjeb il-qari tal-isforz fiskali bbażat fuq il-bilanċ strutturali iżda ma affettwax il-konformità mal-parametru referenzjarju tan-nefqa. Dan tal-aħħar huwa meqjus li jirrifletti b'mod aktar xieraq l-isforz fiskali sottostanti.

- L-impatt negattiv ta' inflazzjoni ogħla (deflatur tal-PDG ta' 1,9 %) meta mqabbel mal-inflazzjoni mistennija (deflatur tal-PDG ta' 1,5 %) fuq il-parametru referenzjarju tan-nefqa mqabbel mal-bilanċ strutturali (0,1 pp. tal-PDG). Il-benefiċċji soċjali u l-pagi tas-settur pubbliku jiġu indiċjati skont l-inflazzjoni, mhux mistennija. Madankollu, l-inflazzjoni ogħla għandha wkoll impatt pożittiv fuq id-dħul mit-taxxa. Il-parametru referenzjarju tan-nefqa jkopri biss l-impatt ta' qabel, u għalhekk jissottovaluta l-pożizzjoni fiskali ġenerali.

- Dħul imprevist li jibbenefika l-bilanċ strutturali iżda mhux il-pilastru tan-nefqa. F'dak ir-rigward, l-2017 kienet il-quċċata taċ-ċiklu tan-negozju fil-Belġju. B'riżultat ta' dan, kien hemm dħul imprevist (li jirrappreżenta madwar 0,1 % tal-PDG) prinċipalment minħabba ż-żieda fid-dħul ta' taxxi diretti u indiretti li qabżu l-elastiċitajiet standard.

- Fl-aħħar nett, l-inċertezzi li fadal fir-rigward tat-trattament taż-żieda sostanzjali fil-pagamenti tat-taxxa korporattiva miġbura fl-2017 u fl-2018 (madwar 0,5 % fl-2017 u 0,7 % tal-PDG fl-2018). Imposti ogħla għal nuqqas ta' ħlas ta' pagamenti tat-taxxa bil-quddiem ġew introdotti fl-2017. Dawn jintroduċu bidla permanenti fiż-żmien tad-dħul rikorrenti, billi jittrasferixxu - tal-anqas parzjalment - il-ġbir tat-taxxa minn saldu tat-taxxa ex-post għal pagamenti tat-taxxa minn qabel, u b'hekk joħolqu quċċata eċċezzjonali u temporanja fid-dħul mit-taxxa. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni esprimiet riżerva fir-rapport tagħha tal-Artikolu 126(3) ta' Mejju 2018 dwar in-natura taż-żieda osservata fit-taxxi fuq l-introjtu korporattiv. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2019, il-Kummissjoni tqis li fl-2017 u l-2018 hemm żieda ta' darba ta' 0,5 % tal-

PDG fi dħul, li eventwalment tista' tiġi kkumpensata minn tnaqqis fid-dħul fiskali fis-snin ta' wara. Mill-2018, saret żieda strutturali addizzjonali fil-ġbir tat-taxxa ta' 0,2 % tal-PDG.

F'dan ir-rigward, il-Programm ta' Stabbiltà tal-2019 jikkunsidra sehem akbar taż-żieda fid-dħul tas-CIT bħala strutturali. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li din hija possibbiltà. Reviżjoni 'l fuq ex post tal-effett permanenti tal-miżura ttejjeb il-valutazzjoni tal-pożizzjoni baġitarja sottostanti. B'riżultat ta' dan, il-pożizzjoni relattivament konservattiva tat-tbassir tar-rebbiegħa 2019 tal-Kummissjoni tirrappreżenta fattur rilevanti li għandu jiġi kkunsidrat fil-valutazzjoni globali, minħabba l-kobor tad-dħul żejjed (madwar 0,5 % tal-PDG fl-2017 u 0,7 % tal-PDG fl-2018), kif ukoll il-livell għoli ta' inċertezza tagħhom.

F'nofs tali inċertezza, u f'konformità mal-analiżi tas-sena li għaddiet, fil-kuntest ta' dan ir-rapport, dan il-fattur rilevanti għall-valutazzjoni ġenerali, minħabba kemm il-kobor tad-dħul żejjed kif ukoll il-livell għoli ta' inċertezza fir-rigward tad-daqs tan-natura temporanja tagħhom, jirriżulta f'diffikultà biex tintlaħaq konklużjoni dwar is-sinifikat tad-devjazzjoni mill-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM fl-2018 u matul l-2017 u l-2018 meħuda flimkien.

L-abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-Belġju għall-2019 kien akkumpanjat minn talba formali biex tintuża l-flessibbiltà disponibbli taħt il-parti preventiva skont il-"Pożizzjoni miftiehma b'mod komuni dwar il-flessibbiltà fi ħdan il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir" approvata mill-Kunsill ECOFIN f'Frar 2016. Il-Belġju talab devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM fid-dawl tal-implimentazzjoni ta' riformi strutturali maġġuri b'impatt pożittiv fuq is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Il-partijiet rilevanti kollha diġà ġew illeġiżlati u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2019 jagħti dettalji dwar skeda ta' żmien kredibbli għall-implimentazzjoni. It-talba għall-flessibbiltà għar-riformi strutturali tirreferi għal riforma tal-pensjonijiet, "bidla fit-taxxa", riforma tat-tassazzjoni fuq id-dħul tal-kumpaniji, riforma tas-suq tax-xogħol kif ukoll riforma tal-amministrazzjoni pubblika. Peress li t-talba għal devjazzjoni temporanja għandha tiġi ppreżentata fis-sena qabel l-applikazzjoni tal-klawżola, il-Kummissjoni vvalutat l-issodisfar tal-kriterji ta' eliġibbiltà għall-klawżola ta' riforma strutturali mill-2019. It-tbassir tar-rebbiegħa tal-2019 tal-Kummissjoni jindika li l-Belġju se jkompli jirrispetta l-parametru referenzjarju minimu fl-2019 li jipprovdi marġni ta' sikurezza lejn il-limitu tad-defiċit ta' 3 % tal-PDG. Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni tqis li l-Belġju jikkwalifika għal devjazzjoni temporanja ta' 0,5 % tal-PDG fl-2019 għal riformi strutturali. Meta wieħed iqis dik il-flessibbiltà, il-Belġju huwa għalhekk mistenni li jsegwi aġġustament strutturali annwali lejn l-OTM ta' 0,1 % tal-PDG fl-2019, li jikkorrispondi għal rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett li ma jaqbiżx it-2,8 %.

Għall-2019, it-tbassir tar-Rebbiegħa tal-Kummissjoni jipprojetta rata ta' tkabbir tan-nefqa li taqbeż il-parametru referenzjarju b' 0,4 % tal-PDG li tindika xi devjazzjoni. Min-naħa l-oħra, il-bilanċ strutturali huwa previst li jibqa' stabbli, u jindika xi devjazzjoni (-0,1 % tal-PDG) mill-aġġustament strutturali rakkomandat. Matul l-2018 u l-2019 meħuda flimkien, il-valur referenzjarju tan-nefqa jindika li hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti, b'devjazzjoni medja ta' 0,6 % tal-PDG. Id-devjazzjoni medja prevista għall-bilanċ strutturali matul l-istess perjodu tammonta għal -0,3 % tal-PDG skont it-tbassir tal-Kummissjoni, u tindika wkoll riskju ta' devjazzjoni sinifikanti. Għalhekk, il-valutazzjoni kumplessiva tikkonferma r-riskju ta' devjazzjoni sinifikanti matul l-2018–2019 meħuda flimkien.

Fl-2020, il-Belġju huwa meħtieġ li jsegwi aġġustament strutturali annwali lejn l-OTM biex jissarraf f'rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett li ma taqbiżx il-1,6 % li jikkorrispondi għal aġġustament strutturali ta' 0,6 % tal-PDG. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2019, it-tkabbir tan-nefqa nominali tal-gvern primarju fl-2020, nett mill-miżuri diskrezzjonali ta' dħul u ta' miżuri ta' darba, huwa mistenni li jaqbeż il-parametru referenzjarju tan-nefqa applikabbli b' 1,3 % tal-PDG, li jindika riskju ta' devjazzjoni sinifikanti. Il-bilanċ strutturali huwa mistenni li jiddeterjora b' 0,3 punti perċentwali tal-PDG fl-2020, u b'hekk jindika wkoll riskju ta' devjazzjoni sinifikanti b' 0,9 % tal-PDG.

Wara valutazzjoni globali, hija mistennija devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM fl-2019 u fl-2020, li tqiegħed f'riskju l-konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva tal-Patt.

Kaxxa 1: flessibbiltà skont il-parti preventiva

Fil-kuntest tas-sorveljanza fiskali mwettqa mill-Kummissjoni matul dawn l-aħħar snin, il-Belġju bbenefika mill-klawżoli ta' flessibbiltà u għoti previsti skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST). Ir-Regolament (KE) Nru 1466/97 jipprevedi nefqa addizzjonali jekk jirrappreżenta avveniment mhux tas-soltu, l-impatt fuq il-finanzi pubbliċi huwa sinifikanti, u s-sostenibbiltà ma tiġix kompromessa billi jingħata lok għal devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM. F'dan ir-rigward, fuq l-2015 u l-2017 il-Belġju bbenefika minn konċessjoni kumulata ta' madwar EUR 763 miljun, jew 0,18 % tal-PDG. Il-flessibbiltà mogħtija lill-Belġju kienet fattur rilevanti biex tiġi żgurata l-konformità (wiesgħa) tiegħu mal-parti preventiva tal-PST abbażi tad-data dwar l-eżitu, b'mod partikolari għall-2015, l-2016 u l-2017. Il-konformità mal-parti preventiva tqieset ukoll mill-Kummissjoni bħala fattur mitiganti ewlieni li ma jagħtix bidu għal proċedura ta' defiċit eċċessiv minkejja nuqqas ta' konformità *prima facie* mal-parametru referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn.

Fl-2015, il-Belġju ngħata flessibbiltà ta' 0,03 % tal-PDG għal nefqa addizzjonali relatata mal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati.

Fir-rigward tal-2016, il-flessibbiltà mogħtija lill-Belġju kienet tammonta għal 0,13 % tal-PDG, b'nefqa addizzjonali eliġibbli għad-dħul eċċezzjonali ta' refuġjati li tammonta għal 0,08 % tal-PDG u 0,05 % tal-PDG għal miżuri relatati mas-sigurtà minħabba l-gravità tat-theddida terroristika.

Fir-rigward tal-2017, il-flessibbiltà mogħtija lill-Belġju kienet tammonta għal 0,02 % tal-PDG għal miżuri relatati mas-sigurtà.

Fir-rigward tal-2019, il-Kummissjoni vvalutat li l-Belġju huwa eliġibbli għal devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM li jammonta għal 0,5 % tal-PDG, fid-dawl tal-implimentazzjoni ta' riformi strutturali maġġuri b'impatt pożittiv fuq is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi ("klawżola ta' riforma strutturali").

Investiment pubbliku

Matul il-perjodu ta' tbassir, l-investiment pubbliku huwa previst li jibqa' stabbli għal 2,4 % tal-PDG. Mill-2009 sal-2016, l-investiment pubbliku kien aktar baxx mid-defiċit ġenerali tal-gvern. Fl-2017 id-defiċit ġenerali tal-gvern kien inqas mill-proporzjon tal-investiment u baqa' taħt dak iż-żmien.

Il-Gvern federali kien qed isegwi "Patt Nazzjonali għal Investiment Strateġiku" li jipprevedi żieda sinifikanti fl-investiment tal-infrastruttura. Dan għandu l-għan li jidentifika l-ostakli għall-investiment privat u li dan jiġi aċċellerat f'oqsma ewlenin billi jiġu mobilizzati l-mezzi privati (55 %) u pubbliċi (45 %). Ir-reġjuni u l-Komunitajiet jistgħu jingħaqdu mal-inizjattiva.

4.2. Il-pożizzjoni tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika fit-terminu medju

Dinamika tad-dejn

Bejn l-1997 u l-2007, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-PDG tal-Belġju naqas b' 36 pp., grazzi għal surpluses primarji mdaqqsa (għalkemm qed jonqsu gradwalment). Din ix-xejra ta' tnaqqis tad-dejn sostnut twaqqfet mill-kriżi finanzjarja u ekonomika tal-2008. Fi tmiem l-2007, id-dejn pubbliku tal-Belġju kien ta' 87 % tal-PDG. Dan żdied għal 107 % tal-PDG fl-2014, żieda ta' 20 pp. Dan jitqabbel ma' żieda ta' 27 pp. fiż-żona tal-euro.

L-ixpruni ewlenin wara ż-żieda bejn l-2007 u l-2014 kienu l-effett valanga 'l fuq (+ 10.5 pp.) u l-aġġustamenti bejn il-fondi u l-flussi (+ 9.4 pp.), bis-surpluses primarji preċedenti li telqu (ara l-Grafika 1). L-effett valanga jirrifletti kif l-infiq fuq l-imgħax ġeneralment qabeż it-tkabbir nominali mill-2008. Madankollu, b'medja ta' 1.4 pp., l-impatt annwali 'l fuq ta' dik id-dinamika fl-2008–2015 kien simili għal dak fl-1997–2007, hekk kif l-effett tad-denominatur ta' tkabbir nominali aktar baxx kien ikkumpensat bl-effett nominatur li ġej minn infiq aktar baxx fuq l-imgħax f'termini ta' PDG. Il-proporzjon tal-aħħar kompla jonqos wara l-2007 peress li kontinwament jonqsu r-rati tal-imgħax ikkumpensati għal proporzjon tad-dejn dejjem jiżdied. Tnaqqis ulterjuri fl-infiq fuq l-imgħax irriżulta f'effett valanga kemxejn 'l isfel fl-2016 għall-ewwel darba mill-2011.

Grafika 1. Fatturi tal-"effett valanga" fuq id-dejn tal-gvern



Iż-żieda sostanzjali fid-dejn minħabba l-aġġustamenti bejn il-fondi u l-flussi seħħiet b'mod predominanti fl-2008 u l-2011, meta l-Istat Belġjan kellu jintervjeni fis-sistema finanzjarja. Fl-2008, l-awtoritajiet ipprovdew appoġġ lil Fortis, KBC, Dexia u Ethias. Fl-2011, l-Istat Belġjan akkwista lil Dexia Belgium, il-bank attwali ta' Belfius. L-irkupru ta' parti mis-

salvataġġ tas-settur finanzjarju rriżulta f'aġġustamenti tal-fluss tal-istokk li jirrappreżentaw 3,9 % tal-PDG fl-2012–2017. Il-parteċipazzjonijiet li fadal jinkludu sehem ta' 7,8 % f'BNP Paribas, 100 % ta' Belfius, 100 % tal-assiguratur Ethias (inklużi ishma tal-awtoritajiet reġjonali u lokali), u 51,4 % tal-bank Dexia. Id-dividendi mħallsa minn istituzzjonijiet finanzjarji kienu jirrappreżentaw madwar 0,2 % tal-PDG fl-2018.

Mill-2017, l-aċċellerazzjoni ta' bilanċi pożittivi primarji pożittivi saret il-mutur ewlieni wara t-tnaqqis tal-proporzjon tad-dejn. Dan jenfasizza kif ir-ritorn lejn bilanċi favorevoli primarji sostanzjali huwa prekundizzjoni biex id-dejn jitpoġġa fuq trajettorja ċara 'l isfel u jkun konformi mal-parametru referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn.

Fl-2018, l-aġġustament bejn il-fondi u l-flussi li jkabbar id-dejn ta' 0,5 % tal-PDG jirrifletti prinċipalment id-differenza bejn l-imgħax akkumulat u dak imħallas.

Skont it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2019 tal-Kummissjoni, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG jonqos b' 0,7 pp. fl-2019 għal 101,3 % tal-PDG. Bilanċ pożittiv primarju ta' 0,8 % tal-PDG u effett valanga 'l isfel ta' 0,6 % tal-PDG bħala riżultat ta' żieda fid-deflator tal-PDG u tnaqqis fl-infiq fuq l-imgħax huma parzjalment ibbilanċjati minn aġġustamenti 'l fuq bejn il-fondi u l-flussi. Xejra simili hija mistennija fl-2020 meta d-dejn jonqos għal 100,7 % tal-PDG b'politika mhux mibdula.

Spiża għall-ħlas tal-imgħax

F'konformità max-xejra ġenerali fiż-żona tal-euro, ir-rati tal-imgħax fuq l-istrumenti tad-dejn Belġjan jinsabu f'livelli baxxi storiċi. Ir-rendiment tal-bonds ta' għaxar snin kien ta' medja ta' 0,57 % matul l-ewwel tliet xhur tal-2019. Il-firxa bejn il-bonds Belġjani u Ġermaniżi kienet ġeneralment stabbli għal bosta snin. Kellha medja ta' 37, 41, 35 u 53 punt ta' bażi fl-2016, 2017, 2018 u l-ewwel tliet xhur tal-2019 rispettivament, meta mqabbla ma' massimu ta' 366 punt ta' bażi fl-aħħar ta' Novembru 2011. Ir-rata impliċita tal-imgħax fuq id-dejn pendenti naqset b'mod stabbli f'dawn l-aħħar snin, minn 4,6 % fl-2007 għal 2,4 % fl-2018. Hija mistennija li tonqos aktar għal 2,2 % fl-2020.

Sostenibbiltà tad-dejn

L-awtoritajiet Belġjani qed jużaw kundizzjonijiet tas-suq favorevoli biex jirrifinanzjaw id-dejn pendenti kontra rati ħafna aktar baxxi b'maturità konsiderevolment itwal. Il-maturità medja tal-ħruġ fit-tul baqgħet f'livell għoli ta' 14,8 snin fl-2018 (15,0 snin fl-2017 u 17,5 snin fl-2016) b'rendiment medju peżat ta' 0,95 % (0,9 % fl-2017 u 0,8 % fl-2016). B'riżultat ta' dan, il-ħajja medja sal-maturità tal-portafoll tad-dejn federali[8] totali telgħet għal 9,6 snin fi tmiem l-2018[9]. Dan huwa l-itwal żmien li qatt kienet u jitqabbel ma' madwar 6 snin sal-2009 u 8 snin fl-aħħar tal-2015[10]. Ir-riskju ta' rifissazzjoni fuq 12-il xahar u fuq 60-il xahar[11] tad-dejn federali naqas b'mod sinifikanti fl-2018 għal 16,0 u 40,1 %, rispettivament, minn 20,3 % u 56,8 % fi tmiem l-2012[12]. Bħalissa, il-Belġju ma jidhirx li qed jiffaċċja riskju ta' stress finanzjarju fuq perjodu ta' żmien qasir. Jekk ir-rati ta' interess kellhom jibdew jogħlew, il-livell għoli ta' dejn jimplika żieda sostanzjali fin-nefqa fuq l-imgħax matul iż-żmien,

[8] Id-dejn federali jirrappreżenta 84,6 % tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika.
[9] Aġenzija Belġjana tad-Dejn, Prospettiva ta' Reviżjoni 2018–2019.
[10] Aġenzija Belġjana tad-Dejn, Prospettiva ta' Reviżjoni 2018–2019.
[11] Il-proporzjon ta' dejn pendenti li jimmatura fi żmien partikolari jew li huwa soġġett għal bidliet fir-rati tal-imgħax minħabba rata tal-imgħax varjabbli.
[12] Aġenzija Belġjana tad-Dejn, Prospettiva ta' Reviżjoni 2018–2019.

għalkemm il-ħajja medja għolja sal-maturità tfisser li din iż-żieda timmaterjalizza ruħha biss b'mod gradwali.

Grafika 2: Projezzjonijiet tad-dejn fi programmi suċċessivi ta' stabbiltà (% tal-PDG)



Sors: It-Tbassir tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa tal-2019. Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza

Is-sensittività għax-xokkijiet potenzjali fit-tkabbir nominali u r-rati tal-imgħax kif ukoll ir-riżultat mhux favorevoli tal-bidu jirriżultaw f'riskji għolja ta' sostenibbiltà fit-terminu medju. B'politika mhux mibdula, il-livell tad-dejn huwa previst li jiżdied u jilħaq l-ogħla livell ta' 103,4 % tal-PDG fl-2029[13], u b'hekk jibqa' 'l fuq sew mil-limitu ta' 60 % tal-PDG skont it-Trattat. L-implimentazzjoni sħiħa tal-Programm ta' Stabbiltà tpoġġi d-dejn fuq perkors ta' tnaqqis sal-2029, għalkemm jibqa' 'l fuq mill-valur ta' referenza ta' 60 % tal-PDG fl-2029. Madankollu, l-isforz fiskali meħtieġ biex jintlaħaq l-OTM huwa sostanzjali, meta wieħed iqis li d-defiċit strutturali huwa stmat għal 1,4 % tal-PDG fl-2019, b'politika mhux mibdula.

[13] Ir-rapport tal-2018 dwar is-Sostenibbiltà Fiskali, Volum 2 — Analiżi tal-Pajjiż. It-tbassir jibda mill-previżjoni tax-xitwa 2019 tal-Kummissjoni Ewropea, filwaqt li s-suppożizzjoni li ma jkun hemm l-ebda tibdil fil-politika ssarraf f'bilanċ strutturali primarju miżmum kostanti (esklużi l-ispejjeż tat-tixjiħ) fil-livell tal-aħħar sena tat-tbassir (2020). Ix-xenarju bażi huwa bbażat fuq is-suppożizzjonijiet makroekonomiċi li ġejjin għat-tul: it-tkabbir potenzjali tal-PDG jibqa' madwar 1,2 %; l-inflazzjoni u l-bidla fid-deflator tal-PDG jistabbilizzaw ruħhom għal 2 % fuq perjodu ta' żmien medju; ir-rati tal-imgħax fit-tul fuq dejn ġdid u riportat jikkonverġu għal 3 % f'termini reali sal-2027 u rati għal żmien qasir għal valur konsistenti mar-rata tal-imgħax fuq terminu twil u mal-kurva tar-rendiment taż-żona tal-euro storika (qabel il-kriżi) (ara wkoll il-Kummissjoni Ewropea, 2012). L-ispejjeż proġettati tat-tixjiħ huma bbażati fuq ir-Rapport dwar it-Tixjiħ tal-2018.

Fl-aħħar nett, is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku hija wkoll iddeterminata mill-potenzjal ta' tkabbir tal-ekonomija. Kif deskritt hawn fuq, it-tnaqqis gradwali tat-tkabbir tal-produttività totali tal-fatturi mill-bidu tas-snin 1990 baxxiet it-tkabbir potenzjali. Dan jenfasizza l-importanza li jiġu implimentati riformi strutturali sabiex tingħata spinta lit-tkabbir potenzjali. Il-progress fir-rigward tar-riformi huwa diskuss fit-Taqsima 4.3.

4.3. Il-pożizzjoni ekonomika fit-terminu medju

Minkejja t-tnaqqis reċenti fit-tkabbir, il-kundizzjonijiet makroekonomiċi jibqgħu favorevoli; u ma jistax jiġi kkunsidrat bħala fattur ewlieni ta' mitigazzjoni biex jispjega d-differenzi tal-Belġju biex jikkonforma mal-parametru referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn. Fil-fatt, it-tkabbir ekonomiku nominali huwa mistenni li jibqa' stabbli matul il-perjodu ta' tbassir. Il-Belġju għamel progress limitat fl-indirizzar tas-CSRs tal-2018, iżda minn perspettiva multiannwali wettaq riformi strutturali importanti fis-snin li għaddew biex iżid is-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet u jirriforma t-tassazzjoni u s-suq tax-xogħol, inkluż l-indiċjar tal-pagi, sabiex jappoġġja l-kompetittività.

Kundizzjonijiet ċikliċi, it-tkabbir potenzjali u l-inflazzjoni

L-ekonomija Belġjana wriet li kienet pjuttost reżiljenti wara r-reċessjoni ekonomika globali fl-2009. Il-PDG malajr reġa' kiseb il-livelli ta' qabel il-kriżi. Madankollu, l-irkupru tal-2010 u l-2011 kien segwit minn staġnar, bi tkabbir ċatt tal-PDG fl-2012 u l-2013. L-irkupru qawwi osservat fl-2014 u fl-2015, bi tkabbir li laħaq 1,4 % u 1,7 % rispettivament, kien segwit minn tnaqqis ċkejken għal 1,5 % fl-2016 minħabba l-ambjent estern aktar dgħajjef u l-impatt negattiv, għalkemm tranżitorju, tas-sitwazzjoni ta' sigurtà marbuta mal-attakki terroristiċi ta' Marzu 2016. B'riżultat ta' dan, it-tkabbir reġa' beda u laħaq 1,7 % fl-2017. Madankollu, dan naqas għal 1,4 % fl-2018 u huwa mistenni li jonqos aktar għal 1,2 % fl-2019 u fl-2020 minħabba domanda domestika qawwija, li jiġġieled kontra t-tnaqqis u l-kontribuzzjoni negattiva minn esportazzjonijiet netti fl-2019 u l-2020, rispettivament.

L-istimi tat-tkabbir potenzjali għall-Belġju huma ta' medja ta' 1,3 % matul l-2016–2019. It-tnaqqis meta mqabbel mas-sitwazzjoni ta' qabel l-2009 għandu bażi wiesgħa peress li jirrifletti l-kontinwazzjoni ta' xejra fit-tul ta' qligħ li qed jonqos fil-produttività totali tal-fatturi (li huwa stmat li stabbilizza ruħu f'livell baxx f'dawn l-aħħar snin), tnaqqis fil-kontribuzzjoni tax-xogħol għal tkabbir potenzjali (minħabba tkabbir aktar bil-mod tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol) u akkumulazzjoni ta' kapital kemxejn aktar baxxa. Il-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni negattiva huwa stmat li għalaq fl-2017 meta mqabbel ma' punt baxx ta' -1,6 % fl-2013. Huwa mistenni li jibqa' pożittiv u stabbli fil-livell ta' 0,2 % tal-PDG matul l-2019–2020.

It-tkabbir relattivament baxx tal-PDG nominali sal-2015 kellu impatt importanti fuq l-evoluzzjoni tal-proporzjon tad-dejn mal-PDG f'dawk is-snin, u b'hekk żdied l-aġġustament strutturali meħtieġ biex jiġi żgurat li l-proporzjon tad-dejn baqa' f'mogħdija soda 'l isfel kif meħtieġ mill-parametru referenzjarju tad-dejn. Barra minn hekk, il-bilanċ primarju kien affettwat ukoll minn dawk il-kundizzjonijiet ċikliċi, li kienu inklużi fid-dejn pubbliku.

Tabella 3: Żviluppi makroekonomiċi u baġitarji [a]

	2015	2016	2017	2018	2019		2020	
	KUMM	KUMM	KUMM	KUMM	KUMM	PS	KUMM	PS
PDG reali (bidla fil-%)[b]	1.7	1.5	1.7	1.4	1.2	1.3	1.2	1.4
Deflatur tal-PDG (bidla fil-%)	1.0	1.8	1.7	1.2	1.5	1.7	1.6	1.6
PDG potenzjali (bidla fil-%)	1.2	1.3	1.3	1.4	1.3	1.3	1.3	1.3
Differenza fil-produzzjoni (% tal-PDG potenzjali)	-0.3	-0.1	0.3	0.2	0.2	0.2	0.1	0.2
Dejn gross ġenerali tal-gvern	106.4	106.1	103.4	102.0	101.3	100.6	100.7	98.5
Bilanċ ġenerali tal-gvern	-2.4	-2.4	-0.8	-0.7	-1.3	-0.8	-1.5	-0.2
Bilanċ primarju	0.6	0.4	1.6	1.6	0.8	1.3	0.5	1.8
Miżuri ta' darba u oħrajn temporanji	0.1	0.0	0.5	0.6	0.0	0.0	0.1	0.0
Formazzjoni ta' kapital fiss gross tal-gvern	2.3	2.2	2.2	2.4	2.4	2.4	2.5	2.4
Bilanċ aġġustat ċiklikament	-2.2	-2.3	-1.0	-0.8	-1.4	-0.9	-1.6	-0.3
Bilanċ primarju aġġustat ċiklikament	0.8	0.5	1.5	1.4	0.7	1.2	0.4	1.6
Bilanċ strutturali[c]	-2.3	-2.3	-1.4	-1.4	-1.4	-0.9	-1.8	-0.3
Bilanċ primarju strutturali	0.7	0.6	1.0	0.9	0.7	1.2	0.3	1.6

Noti:

[a] F'presentaġġ tal-PDG sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

[b] Aġġustat skont il-kalendarju biss fil-PS.

[c] Bilanċ aġġustat ċiklikament bl-esklużjoni ta' miżuri ta' darba u oħrajn temporanji.

Sors: Programm ta' Stabbiltà tal-2019 (PS) u t-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2019 (KUMM)

Madankollu, it-titjib fil-kundizzjonijiet makroekonomiċi li seħħ mill-2016 'l hawn ifisser li dawn ma jistgħux jibqgħu jitqiesu bħala fattur ewlieni ta' mitigazzjoni biex tiġi spjegata d-differenza bejn il-parametru referenzjarju tad-dejn (1,1 % tal-PDG fl-2018 skont il-konfigurazzjoni li tħares lura). Wara perjodu twil ta' tkabbir baxx tal-prezzijiet domestiċi sal-2015, l-inflazzjoni aċċellerat fil-Belġju għal 2,2 % fl-2017 u 2,3 % fl-2018. Id-deflator tal-PDG huwa mistenni li jaċċellera minn 1,2 % fl-2018 u jilħaq tkabbir ta' 1,5 % fl-2019 u 1,6 % fl-2020, taħt il-livelli osservati fl-2016 u l-2017 (1,8 % u 1,7 %, rispettivament). It-tkabbir nominali tal-PDG huwa mistenni li jiżdied ftit minn 2,6 % fl-2018 għal 2,8 % fl-2019 u l-2020, u jibqa' taħt ir-rati osservati fl-2016 (3,1 %) u fl-2017 (3,4 %).

Ir-rati ta' interess li qed jonqsu ħolqu kuntest ta' appoġġ għall-konsolidazzjoni baġitarja. Ir-rata ta' imgħax nominali impliċita fuq id-dejn pubbliku Belġjan naqset kontinwament matul dawn l-aħħar żewġ deċennji u dik ix-xejra aċċellerat f'dawn l-aħħar snin. B'konsegwenza ta' dan, in-nefqa tal-imgħax totali mill-gvern ġenerali kompliet tonqos bħala sehem mill-PDG. Bejn l-2008 u l-2 018 l-infiq fuq l-imgħax naqas b'madwar 1,6 pp. tal-PDG, li ammonta għal tnaqqis fin-nefqa tal-imgħax ta' 0,4 pp. tal-PDG fl-2017 u ta' 0,1 pp. tal-PDG fl-2018. F'dan l-isfond ta' tnaqqis fin-nefqa fuq l-imgħax, il-bilanċ strutturali stabbli fl-2018–2019 huwa akkumpanjat minn deterjorament fil-bilanċ primarju strutturali fl-2018 u l-2019 (-0,1 pp. u -0,2 pp. rispettivament). L-analiżi tas-sensittività fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2019 jenfasizza kif żieda lineari tal-kurva tar-rendiment b' 100bp timplika 0,03 % tal-ispejjeż ogħla tal-PDG fl-2019, li titla' għal 0,25 % tal-PDG fl-2022[14], għalkemm relattivament għal-linja bażi ta' pagamenti ta' mgħax li qed jonqsu. Dan jenfasizza r-riskji inerenti għal strateġija ta' konsolidament li tolqot b'mod sinifikanti l-qligħ mhux mistenni li ġej minn infiq tal-imgħax aktar baxx.

Riformi strutturali

[14] Il-Programm ta' Stabbiltà tal-Belġju 2019–2022, p. 21.

Fil-Komunikazzjoni tagħha tat-13 ta' Jannar 2015, il-Kummissjoni saħħet ir-rabta bejn l-implimentazzjoni effettiva tar-riformi strutturali, l-investiment u r-responsabbiltà fiskali b'appoġġ għall-impjiegi u t-tkabbir, fi ħdan ir-regoli eżistenti tal-PST.

Ir-rapport tal-Pajjiż tal-2019 għall-Belġju ikkonkluda li l-pajjiż għamel progress limitat fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2018. Sar progress limitat fuq id-distribuzzjoni ta' miri fiskali fost id-diversi livelli ta' gvern b'mod li jista' jiġi infurzat u fuq it-titjib tal-kompożizzjoni tan-nefqa pubblika. B'kuntrast mal-2018, meta ntlaħaq ftehim bejn il-livelli kollha ta' gvern rigward il-kisba tal-OTM sal-2020, din is-sena l-Kumitat tal-Kunċerti[15] ħa nota biss tat-trajettorja kumplessiva tal-Programm ta' Stabbiltà lejn il-kisba tal-OTM sal-2021 (jiġifieri ma approvahx formalment). Barra minn hekk, u kif sar fil-passat, ma kien hemm ukoll l-ebda impenn formali dwar il-miri fiskali annwali fost is-subentitajiet differenti fi ħdan kull entità. Barra minn hekk, minħabba li l-gvern Belġjan ma gawdiex minn setgħat baġitarji sħaħ skont ir-regoli kostituzzjonali u/jew konvenzjonijiet nazzjonali minn Diċembru 2018, il-Kumitat ħa d-deċiżjoni li jittikketta l-miri fiskali fil-Programm ta' Stabbiltà bħala "indikattivi". Fir-rigward tal-analiżi tal-infiq, ir-reġjun Fjamming qed imexxi programm pilota biex jintroduċihom bħala element strutturali tal-qafas baġitarju tiegħu. Il-Gvern federali qed jaħdem fuq pjan strateġiku biex jintegra r-rieżamijiet tal-infiq fil-proċess baġitarju tiegħu. Madankollu, s'issa, l-ebda rieżami tal-infiq ma sar fil-livell federali, minkejja l-ħtiġijiet għolja għar-riprijoritizzazzjoni tal-infiq. Sadanittant, il-Patt Nazzjonali għal Investimenti Strateġiċi jipprevedi żieda fl-investiment infrastrutturali ta' EUR 150 biljun sal-2030, li minnhom EUR 82,5 biljun se jintefqu mis-settur privat. Għalkemm il-Komunitajiet qed jidħlu f'fażijiet ta' riformi kbar fl-edukazzjoni (pereżempju li jkopru diversi setturi fil-Komunità Fjamminga u l-Pacte d'Excellence tal-Komunità Franċiża), sar progress limitat fir-rigward tat-taħriġ vokazzjonali u l-appoġġ għall-ekwità. Inkiseb progress limitat fit-trawwim tal-investiment fil-kapital ibbażat fuq l-għarfien, anki jekk il-miżuri jvarjaw fl-ambitu fil-livelli reġjonali, komunitarji u federali. B'mod ġenerali, il-progress dwar ir-regolamentazzjoni settorjali kien limitat, inkluż fit-titjib tal-funzjonament tas-settur tal-bejgħ bl-imnut. Għal ċerti servizzi professjonali, ir-restrizzjonijiet regolatorji għadhom ifixklu l-kompetizzjoni.

Ir-rapport tal-Pajjiż jenfasizza wkoll miżuri li jappoġġjaw it-tkabbir ekonomiku rikk fl-impjiegi reċenti, permezz ta' kompetittività mtejba, inkluża "bidla fit-taxxa"; riforma relatata tas-suq tax-xogħol li, fost l-oħrajn, tappoġġa l-politiki dwar il-moderazzjoni tal-pagi; kif ukoll riforma tat-taxxa korporattiva. Kien hemm leġiżlazzjoni dwar it-tnaqqis gradwali fit-tassazzjoni fuq l-introjtu personali u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi, b'aktar minn tnaqqis proporzjonali għal salarji aktar baxxi. L-immirar tal-pagi baxxi jiffavorixxi liż-żgħażagħ u lil dawk b'livell baxx ta' ħiliet, li għandhom it-tendenza li jkollhom pagi aktar baxxi, iżda wkoll l-aktar rati baxxi ta' impjieg; għalhekk jappoġġa l-attivazzjoni għal uħud mill-aktar gruppi vulnerabbli. Madankollu, il-ħaddiema għadhom intaxxati ħafna bħala fattur tal-produzzjoni fil-Belġju. Għalkemm iċ-ċaqliq fit-taxxa naqqas il-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol (it-taxxa fuq id-dħul flimkien mal-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem u tal-impjegati) għal dawk li jaqilgħu paga baxxa ħafna (ħamsin fil-mija tal-paga medja), dan għadu l-ogħla fl-UE għal dawk li jaqilgħu paga medja. Fir-rigward tal-piż tat-taxxa fuq id-dħul għoli fuq ix-xogħol, dan huwa dovut għal kategoriji dojoq tat-taxxa fuq id-dħul personali, anke jekk "il-bidla fit-taxxa" wessgħet il-bażi tal-kategorija tat-taxxa ta'

[15] Il-Kumitat tal-Kunċerti (Comité de concertation/Overlegcomité) ilaqqa' l-gvernijiet Belġjani kollha biex jilħqu pożizzjoni komuni fil-każ ta' kompetenzi kondiviżi jew biex isolvu kunflitti bejn il-gvernijiet.

40 %, peress li anki dawk li jaqilgħu paga medja huma soġġetti għall-ogħla rata ta' taxxa fuq l-introjtu. It-twessigħ tal-bażi tat-taxxa billi jitnaqqas l-infiq fuq it-taxxa jista' jiġġenera d-dħul meħtieġ biex jitwessgħu l-limiti tat-taxxa, peress li l-użu estensiv tal-infiq tat-taxxa jnaqqas l-effiċjenza tas-sistema fiskali Belġjana. F'dak ir-rigward, ir-riforma riċenti tat-taxxa fuq l-introjtu korporattiv biex nimxu lejn sistema b'rati statutorji aktar baxxi u inqas eżenzjonijiet mit-taxxa se tgħin biex jissimplifikaw is-sistema tat-taxxa u tiżdied l-attraenza tal-ekonomija Belġjana.

Il-Belġju mmodernizza s-sistema tal-pensjonijiet pubbliċi tiegħu f'dawn l-aħħar snin. L-ewwel sett ta' riformi tal-pensjonijiet ġie lleġiżlat fl-2015. Huma naqqsu l-possibbiltajiet ta' ħruġ bikri, billi ssikkaw aktar ir-rekwiżiti standard ta' eliġibbiltà kemm fuq l-irtirar kmieni kif ukoll fuq dak minn qabel, u żiedu l-età legali tal-irtirar minn 65 għal 66 fl-2025 u għal 67 sal-2030. Bħala riżultat ta' dawk ir-riformi, u meta jitqiesu l-projezzjonijiet demografiċi l-ġodda tal-2018 għall-Belġju tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Tixjiħ, in-nefqa pubblika fuq il-pensjonijiet hija mistennija li tiżdied b' 2,9 pp. tal-PDG sal-2070, l-aktar matul l-għoxrin sena li ġejjin, meta mqabbel mat-3.3 pp. qabel l-adozzjoni tagħhom (b'orizzont bejn l-2013 u l-2060). Madankollu, l-istennija tal-għomor hija mistennija li tiżdied b'rata aktar mgħaġġla mill-età effettiva tal-irtirar. B'mod partikolari, l-introduzzjoni ta' rabta bejn, fuq naħa waħda, l-etajiet tal-irtirar statutorji u bikrija u, min-naħa l-oħra, il-gwadanji fl-istennija tal-għomor, jgħinu biex jitrażżnu l-ispejjeż tat-tixjiħ lil hinn mill-2030. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet ta' rtirar kmieni għal diversi gruppi kbar ta' ħaddiema taċ-ċivil jibqgħu aktar favorevoli mill-kundizzjonijiet standard. L-infiq pubbliku fuq il-kura fit-tul huwa previst li jiżdied b' 1.7 punti perċentwali tal-PDG sal-2070, żieda 'l fuq mill-medja li tibda minn dik li diġà hija waħda mill-ogħla livelli fl-UE.

Madankollu, wara l-pubblikazzjoni tar-Rapport tal-Pajjiż tal-2019, il-Parlament adotta għadd ta' miżuri addizzjonali. Dawn jinkludu "il-Ftehim dwar l-Impjiegi", pakkett ta' 28 miżura tas-suq tax-xogħol maqsuma f'żewġ pilastri: fiskali u soċjali. Dawn jinkludu inċentivi ġodda biex jappoġġaw il-ħolqien tal-impjiegi u l-impjiegi, jippromwovu t-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet tal-impjiegi, iżidu l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema kbar fl-età, u joffru aktar għażliet għall-mobilità lil ħaddiema lil hinn mill-possibbiltà li diġà hemm fis-seħħ il-possibbiltà ta' "flus kontanti għall-karozza". Fl-aħħar nett, għadha għaddejja riforma tal-amministrazzjoni pubblika, iżda l-Programm ma jipprovdix dettall kwantitattiv tal-impatt tiegħu.

4.4. Fatturi oħra meqjusin rilevanti mill-Kummissjoni

Fost fatturi oħra meqjusin rilevanti mill-Kummissjoni, tingħata kunsiderazzjoni partikolari għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji għat-trawwim ta' solidarjetà internazzjonali u għall-kisba tal-miri tal-politika tal-Unjoni; id-dejn imġarrab li jsir fil-forma ta' appoġġ bilaterali u multilaterali bejn l-Istati Membri fil-kuntest tas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja u d-dejn marbut mal-operazzjonijiet ta' stabilizzazzjoni finanzjarja waqt tfixkil finanzjarju ewlieni (l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97).

L-operazzjonijiet ta' salvataġġ fis-settur finanzjarju jispjegaw parti miż-żieda fid-dejn mill-2007 kif diskuss fit-taqsima 4.2. L-impatt tad-dejn kumulattiv dirett ta' dawk l-operazzjonijiet laħaq kważi 7 % tal-PDG fl-2011 iżda naqas għal madwar 3 % tal-PDG mill-2018 minħabba l-bejgħ ta' xi assi akkwistati kif ukoll ir-rimborż ta' self. L-obbligazzjonijiet kontinġenti relatati mal-garanziji mogħtija lis-settur finanzjarju huma kollha relatati ma' Dexia. Sakemm tiġi riżolta b'mod sħiħ, l-Istat Belġjan jiggarantixxi 51,4 % tal-

obbligazzjonijiet ta’ Dexia. Dawn il-garanziji laħqu 7,4 % tal-PDG minn April 2019, tnaqqis minn 8,7 % fi tmiem l-2016.

L-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 473/2013 jirrikjedi li dan ir-rapport jikkunsidra wkoll “*sa fejn l-Istat Membru kkonċernat ikun ikkunsidra l-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-Abbozz ta’ Pjan Baġitarju tal-pajjiż, kif imsemmi fl-Artikolu 7(1)*” tal-istess Regolament. L-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-abbozz ta’ pjan baġitarju tal-Belġju għall-2019 indikat riskju ta’ nuqqas ta’ konformità mad-dispożizzjonijiet tal-PST fl-2018–2019. B’mod partikolari, dan ippreveda riskju ta’ devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament meħtieġ lejn l-OTM għal riskju ta’ nonkonformità mal-valur referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn fl-2018 u fl-2019 u riskju ta’ nuqqas ta’ konformità miegħu. Il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet biex jimplimentaw il-miżuri neċessarji fil-proċess baġitarju nazzjonali biex jiżguraw li l-baġit tal-2019 ikun konformi mal-PST u biex jużaw xi qligħ mhux previst biex jiġi aċċellerat it-tnaqqis tal-proporzjon tad-dejn pubbliku għall-PDG. Madankollu, ma ġiex adottat baġit federali għall-2019 fil-Parlament. Wara r-riżenja tal-Prim Ministru tal-Belġju fit-18 ta’ Diċembru 2018, gvern temporanju qed jadotta baġits “attwali”. Sa minn Marzu 2019, il-Parlament ikompli jikkonkretizza l-miżuri li jifdal tal-“Ftehim dwar l-Impjiegi” (ara t-taqsima 4.3.).

4.5. Fatturi oħrajn imressqa mill-Istat Membru

Fil-31 ta’ Mejju 2019, l-awtoritajiet Belġjani bagħtu dokumenti li jikkonċernaw il-fatturi rilevanti skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 (“l-osservazzjonijiet tal-Belġjani”). L-analiżi ppreżentata fit-taqsimiet l-oħrajn ta’ dan ir-rapport diġà tkopri b’md wiesa’ l-fatturi mressqa mill-awtoritajiet.

L-osservazzjonijiet Belġjani jenfasizzaw l-impatt ta’ “xift tat-taxxa” u “*Ftehim ta’ Impjiegi*” biex jissaħħaħ il-ħolqien tal-impjiegi permezz kemm tal-provvista kif ukoll tad-domanda għax-xogħol. F’dan ir-rigward, dan ta’ l-ewwel inaqqas kemm l-ispejjeż tax-xogħol kif ukoll il-piż fuq id-dħul mix-xogħol; filwaqt li dan tal-aħħar jippromwovi aktar parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, inkluż għal postijiet tax-xogħol battala fi professjonijiet li qed jiffaċċjaw nuqqas ta’ ħaddiema. L-osservazzjonijiet tal-awtoritajiet jirreferu wkoll għar-riforma tat-taxxa fuq id-dħul korporattiv li implimentat tnaqqis sinifikanti fir-rata tat-taxxa għan-negozji, b’inċidenza partikolari fuq intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs). Dawn jindikaw pjan strateġiku ta’ investiment pubbliku (il-“*Patt Nazzjonali għal Investimenti Strateġiċi*”) li diġà identifika sitt oqsma tematiċi u erba’ oqsma trasversali fejn il-gvernijiet il-ġodda li jkunu deħlin se jkollhom ikomplu jispeċifikaw l-investimenti. Fl-aħħar nett, huma jenfasizzaw ir-riforma kontinwa tas-sistema tal-pensjonijiet, b’miżuri diġà implimentati fil-leġiżlatura preċedenti, biex iżidu l-età u l-kundizzjonijiet tal-karriera għall-irtirar bikri; u miżuri ġodda biex tiżdied l-età għal irtirar kmieni, l-armonizzazzjoni tar-reġimi, l-indirizzar ta’ ċerti forom ta’ abbuż u inċentiv biex tiġi żviluppata l-pensjoni tat-tieni pilastru.

Fatturi oħra rilevanti ppreżentati mill-awtoritajiet Belġjani jinkludu l-kunsens ġenerali fil-Belġju biex jitnaqqsu d-dejn u d-defiċits pubbliċi, kif evidenzjat mis-sistema ta’ dixxiplina baġitarja stretta introdotta mill-gvern temporanju minn Diċembru 2018. L-osservazzjonijiet Belġjani jinkludu wkoll valutazzjoni tal-evoluzzjoni tal-pagamenti tat-taxxa korporattiva avvanzati. B’mod partikolari, dawn jiddekomponu l-evoluzzjoni f’komponent strutturali u ta’ darba. Tal-ewwel hija minħabba, fost affarijiet oħra, ir-rata ta’ tnaqqis tal-imgħax nozzjonali riformata u mnaqqsa u ż-żieda fis-surplus operattiv gross tal-kumpaniji. Tal-aħħar huwa relatat mal-bidla minn valutazzjonijiet tat-taxxa għal pagamenti avvanzati bħala riżultat taż-

żieda fil-penali għall-kumpaniji li ma jagħmlux pagamenti bil-quddiem mill-1 ta' Jannar 2017. L-awtoritajiet jistmaw dekompożizzjoni ugwali (50 %) bejn dawn iż-żewġ komponenti.

5. KONKLUŻJONIJIET

Id-dejn gross ġenerali tal-gvern kien ta' 102,0 % tal-PDG fl-aħħar tal-2018, ferm ogħla mill-valur ta' referenza ta' 60 % tal-PDG. Il-Belġju ma kkonformax mal-parametru referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn fl-2018. Barra minn hekk, it-tbassir tal-Kummissjoni ma jistenniex li l-Belġju jikkonforma mal-parametru referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn jew fl-2019 jew fl-2020, abbażi ta' suppożizzjoni ta' ebda bidla fil-politika. Dan jissuġġerixxi li qabel ma jiġu kkunsidrati l-fatturi rilevanti kollha, il-kriterju tad-dejn kif definit fit-Trattat ma jidhirx li ġie ssodisfat *prima facie* fl-2018. B'konformità mat-Trattat, dan ir-rapport eżamina wkoll il-fatturi rilevanti.

Valutazzjoni ġenerali tal-konformità mal-fergħa preventiva tindika inċertezzi kbar relatati ma' fatturi ewlenin tal-prestazzjoni fiskali fl-2017 u fl-2018, b'mod partikolari fir-rigward ta' kemm it-titjib riċenti fil-bilanċ nominali huwa ta' natura strutturali. Ma jistax jiġi eskluż li hemm devjazzjoni sinifikanti matul l-2017 u l-2018 meħuda flimkien anki wara li tqiesu dawk l-inċertezzi. Fl-istess ħin, fi kwalunkwe każ, l-eċċess fuq il-limitu ta' 0,25 % tal-PDG għal devjazzjoni sinifikanti jidher li huwa żgħir ħafna ladarba dawk l-inċertezzi jiġu kkunsidrati. Għalhekk, fuq dik il-bażi, ma hemm l-ebda evidenza b'saħħitha biżżejjed biex tiġi konkluża l-eżistenza ta' devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM fl-2018 u matul l-2017 u l-2018 meħuda flimkien. Il-Belġju huwa vvalutat li huwa f'riskju ta' xi devjazzjoni fl-2019, u f'riskju ta' devjazzjoni sinifikanti matul l-2018 u l-2019 flimkien u fl-2020. Għalhekk, għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa mill-2019 biex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. L-użu ta' kwalunkwe dħul mhux previst biex jitnaqqas iktar il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika jkun rispons prudenti. Fl-istess ħin, il-proporzjon tad-dejn tal-Belġju naqas b' 5,5 punti perċentwali mill-2014 u huwa mbassar li jonqos b' 1,3 punti perċentwali oħra sal-2020, minkejja aġġustamenti importanti bejn il-fondi u l-flussi li jżidu d-dejn, f'dawn l-aħħar snin u fis-snin ta' wara.

Il-Belġju għamel progress fl-implimentazzjoni tar-riformi strutturali mħabbra sa mill-bidu tal-2015, b'mod partikolari fil-qasam tal-pensjonijiet, il-kompetittività u t-tassazzjoni. Għal bosta minn dawn ir-riformi, il-progress huwa meqjus bħala sostanzjali. Dawn huma mistennija li jikkontribwixxu biex itejbu l-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomija u jnaqqsu r-riskji tal-iżbilanċi makroekonomiċi, u b'hekk ikollhom impatt pożittiv fuq is-sostenibbiltà tad-dejn fuq terminu ta' żmien medju sa twil. In-natura mhux baġitarja newtrali tar-riforma tat-taxxa mwettqa aggravat il-pożizzjoni baġitarja fl-2017 u l-2018, madankollu. F'ittra mibgħuta lill-Kummissjoni fil-31 ta' Mejju 2019, l-awtoritajiet Belġjani enfasizzaw l-impenn tagħhom lejn ir-riformi strutturali u pjan strateġiku ta' investiment pubbliku.

L-analiżi ppreżentata f'dan ir-rapport tinkludi l-valutazzjoni tal-fatturi rilevanti kollha u b'mod partikolari: (i) il-kundizzjonijiet makroekonomiċi, li m'għadhomx jitqiesu bħala fattur biex tiġi spjegata d-differenza bejn il-parametru referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn tal-Belġju; (ii) l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali li saħħew it-tkabbir fis-snin li għaddew, li diversi minnhom huma kkunsidrati sostanzjali u previsti biex jgħinu fit-titjib tas-sostenibbiltà tad-dejn, anke jekk għandhom impatt baġitarju mhux newtrali temporanju; (iii) il-fatt li ma hemm l-ebda evidenza b'saħħitha biżżejjed biex tiġi konkluża l-eżistenza ta' devjazzjoni

sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament tal-Belġju lejn l-OTM fl-2018 u fuq l-2017 u l-2018 meħuda flimkien. B' mod ġenerali, l-analiżi kurrenti mhix konklużiva għal kollox dwar jekk il-kriterju tad-dejn kif definit fit-Trattat u fir-Regolament (KE) Nru 1467/1997 huwiex imħares jew le.